MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tad-9 ta' April, 2012

Numru. 370/2012

***Il-Pulizija***

***(Spettur Daryl Borg)***

***(Spettur Robert Vella)***

***vs***

***Saviour Abela***

***Illum 9 t'April 2012***

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra ***Saviour sive Sino Abela*** ta' 53 sena, iben Saviour Abela u Mary *nee'* Bonnici, mwieled Pieta' nhar is-26 ta' Novembru 1958 residenti 21, il-Girna Triq il-Gubjun Attard, u detentur tal-karta tal-identita numru 754658M;

Talli nhar is-7 t'April 2012 ghall-habta ta' 19:00hrs, gewwa 'Ta' Qali National Stadium' sitwat f'Ta' Qali limiti ta' H'Attard;

1. Bi vjolenza jew b'theddid gieghel ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom;

2. Ingurja jew hedded persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qieghed jaghmel dan is-servizz jew bi hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuna PC 1215 Ryan Vella;

3. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi;

4. Ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' PC 1215 Ryan Vella u dan kif iccertifika Dr. R. Busuttil M.D. Reg. No. 1834 tac-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

5. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kien qieghed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallihx jew fixklu waqt il-qadi ta' dmirijietu;

6. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

7. Talli meta filwaqt li kien qieghed gewwa ground ta'l-isports gab ruhu abbuzivament, bi ksur ta' Regolamenti biex jinzamm l-Ordni Pubbliku fil-Grounds ta' l-Isports;

Il-Qorti hijia mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna illi l-imsemmija imputati ma jattendux fil-grawnds ta' sports ghal dak il-perjodu ta' zmien lil din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat;

Rat l-Artikoli kollha tal-ligi ossia 91, 95, 96, 221, 338(dd) u 338(cc) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 7 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33 u Artikolu 22 tal-Kap 446.

Fuq ammissjoni, il-Qorti wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u qeghda ghal dak li

ghandu x’jaqsam ma’ l-akkuzi numri 1, 2, 3, 4, 5 u 6 tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sentejn, filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-akkuza numru 7 qeghda tikkundana lill-imputat ghall-hlas ta’ Multa ta’ elf ewro (€1,000) pagabbli fuq medda ta’sena kif ukoll tissospendih milli jattendi gewwa xi ground ta’ l-isport ghall-perjodu ta’ sena millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------